



2024/1451

27.5.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1451

tal-24 ta' Mejju 2024

li jemenda l-Anness II u l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-addittivi tal-ikel: l-aċidu tartariku (L(+)-) (E 334), it-tartrati tas-sodju (E 335), it-tartrati tal-potassju (E 336), it-tartrat tal-potassju u s-sodju (E 337) u t-tartrat tal-kalċju (E 354)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel <sup>(1)</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati biex jintużaw fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom. L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel inklużi l-carriers approvati għall-użu fl-addittivi tal-ikel, fl-enzimi tal-ikel, fl-aromatizzanti tal-ikel, fin-nutrijenti, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.
- (3) L-aċidu tartariku (L(+)-) (E 334), it-tartrati tas-sodju (E 335), it-tartrati tal-potassju (E 336), it-tartrat tal-potassju u s-sodju (E 337) u t-tartrat tal-kalċju (E 354) huma sustanzi awtorizzati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Bħalissa, daww l-addittivi tal-ikel huma awtorizzati għall-użu fi *quantum satis* u inklużi fil-Grupp I, fl-Anness II, il-Parti C ta' dak ir-Regolament, li jkopri l-addittivi tal-ikel, għajr kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa, b'"doża aċċettabbli ta' kuljum mhux speċifikata" jew li għalihom l-aktar valutazzjoni tar-riskju reċenti kkonkludiet li "ma hemmx bżonn ta' doża numerika aċċettabbli ta' kuljum". Barra minn hekk, l-aċidu tartariku (L(+)-) (E 334), it-tartrati tas-sodju (E 335), it-tartrati tal-potassju (E 336), it-tartrat tal-potassju u s-sodju (E 337) u t-tartrat tal-kalċju (E 354) huma awtorizzati għall-użu f'kategoriji speċifiċi tal-ikel b'livell massimu numeriku jew fi *quantum satis*.
- (4) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità) ħarġet opinjoni xjentifika dwar l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-aċidu tartariku (L(+)-) (E 334), it-tartrati tas-sodju (E 335), it-tartrati tal-potassju (E 336), it-tartrat tal-potassju u s-sodju (E 337) u t-tartrat tal-kalċju (E 354) bħala addittivi tal-ikel <sup>(3)</sup>. Ġiet stabbilita Doża Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI) għall-grupp "aċidu tartariku-tartrati" (E 334 - 337 u E 354) ta' 240 mg/kg bw kuljum, espressa bħala aċidu tartariku. L-istimi tal-esponiment għall-gruppi differenti tal-popolazzjoni għall-aktar xenarju ta' esponiment rilevanti ma qabżux l-ADI tal-grupp ta' 240 mg/kg bw kuljum, espressa bħala aċidu tartariku.
- (5) Fid-19 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni nediet sejħa pubblika għal *data* teknika dwar l-addittivi tal-ikel permissi l-aċidu tartariku (L(+)-) (E 334), it-tartrati tas-sodju (E 335), it-tartrati tal-potassju (E 336), it-tartrat tal-potassju u s-sodju (E 337) u t-tartrat tal-kalċju (E 354), li titlob lill-operaturi tan-negozju tal-ikel jippreżentaw, fost affarijiet oħra, *data* dwar l-użi ta' daww l-addittivi tal-ikel f'konformità mal-Anness II, il-Parti E u l-Anness III, il-Partijiet 2, 3 u 4 u t-Taqsim A tal-Parti 5 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Is-sejħa speċifikat li fin-nuqqas tad-*data* għal kategorija tal-ikel li fiha l-użu intenzjonat ta' daww l-addittivi tal-ikel bħalissa huwa awtorizzat, il-Kummissjoni tqis li ma hemm l-ebda interess li l-addittivi tal-ikel jibqgħu awtorizzati f'dik il-kategorija tal-ikel u li b'konsegwenza ta' dan, l-awtorizzazzjoni rispettiva tiġi ritirata.

<sup>(1)</sup> ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1333/oj>.

<sup>(2)</sup> ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1331/oj>.

<sup>(3)</sup> EFSA Journal 2020;18(3):6030.

- (6) L-operaturi tan-negozju pprovded *data* dwar l-użi ta' dawk l-addittivi tal-ikel f'konformità mal-Anness II, il-Parti E tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għal diversi kategoriji tal-ikel, iżda mhux kollha.
- (7) L-operaturi tan-negozju pprovded *data* dwar l-użi ta' dawk l-addittivi tal-ikel f'konformità mal-Anness III, il-Partijiet 2 u 4 u t-Taqsima A tal-Parti 5 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Madankollu, ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* għall-użi f'konformità mal-Anness III, il-Parti 3.
- (8) Filwaqt li titqies l-evalwazzjoni mill-ġdid mill-Awtorità, b'mod partikolari, l-istabbiliment ta' ADI tal-grupp għall-aċidu tartariku (L(+)-) (E 334), għat-tartrati tas-sodju (E 335), għat-tartrati tal-potassju (E 336), għat-tartrat tal-potassju u s-sodju (E 337) u għat-tartrat tal-kalċju (E 354), huwa xieraq li dawk l-addittivi tal-ikel jitneħħew mill-Grupp I, jinħoloq grupp ġdid għalihom u jiġu rieżaminati l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom. Barra minn hekk, fid-dawl tad-*data* pprovduta dwar l-użi ta' dawk l-addittivi tal-ikel f'konformità mal-Anness II u l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, huwa xieraq li jiġu emendati l-kundizzjonijiet tal-użu attwali ta' dawk l-addittivi tal-ikel billi jiġu rtrati l-awtorizzazzjonijiet fil-kategoriji tal-ikel li għalihom ma nġhatat l-ebda *data* b'reazzjoni għas-sejħa għad-*data*. Barra minn hekk, fid-dawl ta' dik id-*data* pprovduta dwar l-użi u l-esponiment mid-dieta kkalkulat mill-Awtorità, huwa xieraq li jiġu stabbiliti livelli massimi numeriċi tal-użu għall-kategoriji tal-ikel li għalihom ġiet ipprovduta d-*data*. Huwa xieraq ukoll li jitneħħew xi inkonsistenzi fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-aċidu tartariku (L(+)-) (E 334), it-tartrati tas-sodju (E 335), it-tartrati tal-potassju (E 336) f'kategoriji differenti.
- (9) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-livelli massimi ġodda tiġi differita u jenħtieġ li jiġi pprovdut perjodu tranżizzjonali għal prodotti introdotti fis-suq qabel id-*data* tal-applikazzjoni tal-livelli massimi rispettivi biex l-operaturi tan-negozji tal-ikel, inklużi l-intrapriżi żgħar u medji, ikunu jistgħu jadattaw għall-kundizzjonijiet tal-użu stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jiġi emendat skont dan.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 3

L-ikel li fih l-aċidu tartariku (L(+)-) (E 334), it-tartrati tas-sodju (E 335), it-tartrati tal-potassju (E 336), it-tartrat tal-potassju u s-sodju (E 337) jew it-tartrat tal-kalċju (E 354) li ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament u li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel is-16 ta' Diċembru 2024 jista' jibqa' fis-suq sad-*data* tad-durabbiltà minima tiegħu jew sad-*data* ta' skadenza tiegħu.

#### Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-16 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) il-Parti C hija emendata kif ġej:
- (a) fil-punt (1) (Grupp I), jitħassru l-entrati għall-addittivi tal-ikel E 334 Aċidu tartariku (L(+)-), E 335 Tartrati tas-sodju, E 336 Tartrati tal-potassju, E 337 Tartrat tal-potassju u s-sodju u E 354 Tartrat tal-kalċju;
  - (b) fil-punt (5) (“Addittivi oħra li jistgħu jiġu rregolati kkombinati”), jizded il-punt li ġej:  
 “(k.2) E 334–337 u E 354: Aċidu tartariku — tartrati

Numru E	Isem
E 334	Aċidu tartariku (L(+)-)
E 335	Tartrati tas-sodju
E 336	Tartrati tal-potassju
E 337	Tartrat tal-potassju u s-sodju
E 354	Tartrat tal-kalċju”;

- (2) Il-Parti E hija emendata kif ġej:
- (a) fil-kategorija 01.3 (“Prodotti tal-ħalib iffermentat mingħajr toġhmiet miżjuda, trattati bis-sħana wara l-fermentazzjoni”), tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-entrata għal E 200–202:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	750	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	-----	-----------	--

- (b) fil-Kategorija 01.8 (“Analogi ta’ prodotti tal-ħalib, inkluż whiteners tax-xorb”), wara l-entrata għal E 280-283 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	240	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	-----	-----------	--

- (c) fil-kategorija 02.2.2 (“Emulsjonijiet oħra tax-xaħam u ż-żejt inklużi pejsts kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u emulsjonijiet likwidi”), wara l-entrata għal E 321 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	1 300	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	-------	-----------	--

- (d) il-kategorija 04.2.3 (“Frott u ħxejjex fil-laned u fil-fliexken”) hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għal E 334 Aċidu tartariku (L(+)-) hija sostitwita b’dan li ġej:

“E 334	Aċidu tartariku (L(+)-)	9 000	(98)”;	
--------	-------------------------	-------	--------	--

(2) l-entrata għal E 335 Tartrati tas-sodju hija sostitwita b'dan li ġej:

	"E 335	Tartrati tas-sodju	9 000	(51) (98)";	
--	--------	--------------------	-------	-------------	--

(3) l-entrata għal E 336 Tartrati tal-potassju hija sostitwita b'dan li ġej:

	"E 336	Tartrati tal-potassju	9 000	(51) (98)";	
--	--------	-----------------------	-------	-------------	--

(4) l-entrata għal E 337 Tartrat tal-potassju u s-sodju hija sostitwita b'dan li ġej:

	"E 337	Tartrat tal-potassju u s-sodju	9 000	(51) (98)";	
--	--------	--------------------------------	-------	-------------	--

(5) in-nota ta' qiegħ il-paġna (98) tiddaħħal wara n-nota ta' qiegħ il-paġna (56):

"(98): Massimu individwali jew għall-kombinazzjoni ta' E 334–337";

(e) fil-kategorija 04.2.4.1 ("Preparazzjonijiet tal-frott u l-ħxejjex eskluża zalza tal-frott"), wara l-entrata għal E 220-228 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

	"E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	3 000	(1) (2)";	
--	--------------------	----------------------------	-------	-----------	--

(f) fil-kategorija 04.2.5.1 ("Ġamm ekstra u ġelatini ekstra kif definiti fid-Direttiva 2001/113/KE"), l-entrati għall-addittivi tal-ikel E 334 Aċidu tartariku (L(+)-) u E 335 Tartrati tas-sodju jitħassru;

(g) fil-kategorija 04.2.5.2 ("Ġamm, ġelatini u marmellati u purè tal-qastan bil-ħlewwa kif definiti fid-Direttiva 2001/113/KE"), l-entrati għall-addittivi tal-ikel E 334 Aċidu tartariku (L(+)-) u E 335 Tartrati tas-sodju jitħassru;

(h) fil-kategorija 04.2.5.3 ("Pejsts tal-frott u tal-ħaxix oħra simili"), l-entrati għall-addittivi tal-ikel E 334 Aċidu tartariku (L(+)-) u E 335 Tartrati tas-sodju jitħassru;

(i) fil-kategorija 04.2.6 ("Prodotti tal-patata pproċessati"), wara l-entrata għal E 310-320 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

	"E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	240	(1) (2)";	
--	--------------------	----------------------------	-----	-----------	--

(j) fil-kategorija 05.2 ("Ħlewwiet oħra inkluż ħelu żgħir li jiffriska n-nifs"), wara l-entrata għal E 297 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

	"E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	25 000	(1) (2)";	
--	--------------------	----------------------------	--------	-----------	--

(k) fil-kategorija 05.3 (“Chewing gum”), wara l-entrata għal E 310-321 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	25 000	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	--------	-----------	--

(l) fil-kategorija 05.4 (“Tiżjin, kisi u mili, minbarra mili abbażi tal-frott kopert mill-kategorija 4.2.4”), wara l-entrati għal E 297 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	11 000	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	--------	-----------	--

(m) fil-kategorija 06.4.1 (“Għaġin frisk”), l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 334 Aċidu tartariku (L(+)-) titħassar;

(n) fil-kategorija 06.4.3 (“Għaġin frisk imsajjar minn qabel”), l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 334 Aċidu tartariku (L(+)-) titħassar;

(o) fil-kategorija 06.4.4 (“Njokki tal-Patata”), l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 334 Aċidu tartariku (L(+)-) titħassar;

(p) fil-kategorija 06.7 (“Ċereali msajra minn qabel jew ipproċessati”), wara l-entrata għal E 310-320 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	740	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	-----	-----------	--

(q) fil-kategorija 07.1 (“Ħobż u bziezen”), wara l-entrata għal E 280-283 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	15 000	(1) (2)	ħlief il-prodotti f’7.1.1 u 7.1.2”;
--------------------	----------------------------	--------	---------	-------------------------------------

(r) fil-kategorija 07.2 (“Prodotti fini tal-forn”), wara l-entrata għal E 310-320 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	18 000	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	--------	-----------	--

(s) fil-kategorija 08.3.2 (“Prodotti tal-laħam trattati bis-sħana”), wara l-entrata għal E 310-320 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	3 000	(1) (2)	ħlief <i>foie gras, foie gras entier, blocs de foie gras, Libamáj, libamáj egészben, libamáj tömbben</i> ”;
--------------------	----------------------------	-------	---------	---

(t) fil-kategorija 09.2 (“Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċġi”), wara l-entrata għal E 316 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	2 300	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	-------	-----------	--

(u) fil-kategorija 11.4.2 (“Prodotti li jżidu l-ħlewwa ta’ fuq il-mejda f’forma ta’ trab”), l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 336 Tartrati tal-potassju titħassar;

(v) il-kategorija 11.4.3 (“Prodotti li jżidu l-ħlewwa għal fuq il-mejda f’pilloli”) hija emendata kif ġej:

(1) L-entrata għal E 334 Aċidu tartariku (L(+)-) hija sostitwita b’dan li ġej:

“E 334	Aċidu tartariku (L(+)-)	270 000	(99)”;	
--------	-------------------------	---------	--------	--

(2) L-entrata għal E 336 Tartrati tal-potassju hija sostitwita b’dan li ġej:

“E 336	Tartrati tal-potassju	270 000	(51) (99)”;	
--------	-----------------------	---------	-------------	--

(3) in-nota ta’ qiegħ il-paġna (51) il-ġdida tiddaħħal qabel in-nota ta’ qiegħ il-paġna (60) u n-nota ta’ qiegħ il-paġna (99) il-ġdida tiddaħħal wara n-nota ta’ qiegħ il-paġna (60):

“(51): Il-livelli massimi li jistgħu jintużaw huma espressi f’aċidu liberu”

“(99): Massimu individwali jew għall-kombinazzjoni ta’ E 334 u E 336”;

(w) fil-kategorija 12.2.2 (“Ħwawar u kondimenti”), wara l-entrata għal E 310-321 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	17 000	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	--------	-----------	--

(x) fil-kategorija 12.4 (“Mustarda”), wara l-entrata għal E 220-228 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	12 000	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	--------	-----------	--

(y) fil-kategorija 12.5 (“Soppa u brodu”), wara l-entrata għal E 310-320 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	240	(1) (2)”;	
--------------------	----------------------------	-----	-----------	--

(z) fil-kategorija 12.6 (“Zlazi”), wara l-entrata għal E 310-320 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	4 000	(1) (2);	
--------------------	----------------------------	-------	----------	--

(aa) fil-kategorija 12.7 (“Insalati u pejsts tal-ħobż abbażi ta’ ikel mielaħ”), wara l-entrata għal E 200-213 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	1 800	(1) (2);	
--------------------	----------------------------	-------	----------	--

(bb) fil-kategorija 12.9 (“Prodotti tal-proteina, esklużi prodotti koperti fil-kategorija 1.8”), wara l-entrata għal E 220-228 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	240	(1) (2);	
--------------------	----------------------------	-----	----------	--

(cc) il-kategorija 13.1.3 (“Ikel abbażi ta’ ċereali pproċessat u ikel tat-trabi għal trabi u tfal żgħar kif definiti mid-Direttiva 2006/125/KE”) hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għal E 334 Aċidu tartariku (L(+)-) hija sostitwita b’dan li ġej:

“E 334	Aċidu tartariku (L(+)-)	5 000	(100)	forma L(+)- biss; gallettini u rusks u ikel għat-trabi biss”;
--------	-------------------------	-------	-------	---

(2) l-entrata għal E 335 Tartrati tas-sodju hija sostitwita b’dan li ġej:

“E 335	Tartrati tas-sodju	5 000	(51) (100)	forma L(+)- biss; gallettini u rusks u ikel għat-trabi biss”;
--------	--------------------	-------	------------	---

(3) l-entrata għal E 336 Tartrati tal-potassju hija sostitwita b’dan li ġej:

“E 336	Tartrati tal-potassju	5 000	(51) (100)	forma L(+)- biss; gallettini u rusks u ikel għat-trabi biss”;
--------	-----------------------	-------	------------	---

(4) in-noti ta’ qiegħ il-paġna (51) u (100) il-ġodda jiddaħħlu wara n-nota ta’ qiegħ il-paġna (42):

“(51): Il-livelli massimi li jistgħu jintużaw huma espressi f’aċidu liberu

(100): Massimu individwali jew għall-kombinazzjoni ta’ E 334, E 335 u E 336”;

(5) l-entrata għal E 354 Tartrat tal-kalċju titħassar;

(dd) fil-kategorija 14.1.2 (Meraq tal-frott kif iddefinit mid-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u meraq tal-ħaxix), l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 336 Tartrati tal-potassju titħassar;

(ee) fil-kategorija 14.1.4 (“Xarbiet bit-togħma”), wara l-entrata għal E 297 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	4 000	(1) (2);	
--------------------	----------------------------	-------	----------	--

(ff) il-kategorija 14.2.6 (“Spirti kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 2019/787”) hija emendata kif ġej:

(1) wara l-entrata għal E 220-228 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

	“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	1 000	(1) (2);	
--	--------------------	----------------------------	-------	----------	--

(2) In-nota ta’ qiegħ il-paġna (2) il-ġdida tiddaħħal wara n-nota ta’ qiegħ il-paġna (1):

“(2): Il-livell massimu huwa applikabbli għas-somma u l-livelli huma espressi bħala l-aċidu liberu”;

(gg) fil-kategorija 14.2.7.1, (“Inbid aromatizzat”) wara l-entrata għal E 242 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

	“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	8 000	(1) (2);	
--	--------------------	----------------------------	-------	----------	--

(hh) fil-kategorija 14.2.7.2, (“Xarbiet abbażi ta’ nbid aromatizzat”) wara l-entrata għal E 242 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

	“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	8 000	(1) (2);	
--	--------------------	----------------------------	-------	----------	--

(ii) fil-kategorija 14.2.7.3, (“Cocktails ta’ prodotti tal-inbid aromatizzati”) wara l-entrata għal E 242 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

	“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	8 000	(1) (2);	
--	--------------------	----------------------------	-------	----------	--

(jj) fil-kategorija 14.2.8 (“Xorb alkoħoliku ieħor inkluż taħlit ta’ xorb alkoħoliku ma’ xorb mhux alkoħoliku u xorb alkoħoliku ieħor ibbażat fuq l-alkoħol distillat b’qawwa alkoħolika skont il-volum ta’ inqas minn 15 %”), wara l-entrata għal E 242 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

	“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	8 000	(1) (2);	
--	--------------------	----------------------------	-------	----------	--

(kk) fil-kategorija tal-ikel 15.1 (“Ikliet ħfief abbażi ta’ patata, ċereali, dqiq jew lamtu”), wara l-entrata għal E 310-320 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

	“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	60 000	(1) (2);	
--	--------------------	----------------------------	--------	----------	--

(ll) fil-kategorija 16 (“Deżerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1, 3 u 4”), wara l-entrata għal E 297 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

	“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	3 000	(1) (2);	
--	--------------------	----------------------------	-------	----------	--



(mm) fil-kategorija 17 (Is-supplimenti tal-ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE), il-parti tal-Introduzzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

“Il-livelli massimi tal-użu indikati għall-kuluri, il-polioli, is-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa, E 200-213, E 334-337 u E 354, E 338-452, E 405, E 416, E 432-436, E 459, E 468, E 473-475, E 491-495, E 551-553, E 901-904, E 961, E 1201-1204, E 1505 u E 1521 jirreferu għas-supplimenti tal-ikel lesti għall-konsum ippreparati skont l-istruzzjonijiet għall-użu pprovduti mill-manifattur.

Il-fattur tad-dilwizzjoni għal dawk is-supplimenti tal-ikel li jridu jiġu dilwiti jew maħlula jrid jingħata flimkien mal-istruzzjonijiet tal-użu.”;

(nn) fil-kategorija tal-ikel 17.1 (Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'għamla solida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar), wara l-entrata għal E 310-321 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	100 000	(1) (2)	ħlief għas-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad
E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	130 000	(1) (2)	supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad biss”;

(oo) fil-kategorija tal-ikel 17.2 (Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'għamla likwida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar), wara l-entrata għal E 310-321 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“E 334–337 u E 354	Aċidu tartariku — tartrati	6 000	(1) (2)”.	
--------------------	----------------------------	-------	-----------	--

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti 2, wara l-entrata għal E 321 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

"E 334–337 u E 354	Āċidu tartariku – tartrati (Tabella 8 tal-Parti 6)	220 000 mg/kg waħedhom jew ikkombinati fil-preparazzjoni u 11 000 mg/kg fil-prodott finali espress bħala āċidu liberu	E 440 Pektini użati fil-kategorija tal-ikel 05.2 (Flewwiet oħra inkluż ħelu żgħir li jiffriska n-nifs) u fil-kategorija tal-ikel 05.4 (Tiżjin, kisi u mili, minbarra mili abbażi tal-frott kopert mill-kategorija 4.2.4)";
--------------------	--	---	--

(2) fil-Parti 3, l-entrati għall-addittivi tal-ikel E 334 Āċidu tartariku (L(+)-), E 335 Tartrati tas-sodju, E 336 Tartrati tal-potassju, E 337 Tartrat tal-potassju u s-sodju u E 354 Tartrat tal-kalċju jitħassru;

(3) fil-Parti 4, wara l-entrata għal E 320 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

"E 334–337 u E 354	Āċidu tartariku – tartrati (Tabella 8 tal-Parti 6)	L-aromatizzanti kollha	20 000 mg/kg waħedhom jew ikkombinati fl-aromatizzant u 400 mg/kg fil-prodott finali espress bħala āċidu liberu";
--------------------	--	------------------------	---

(4) fil-Parti 5, it-Taqsima A hija emendata kif ġej:

(a) l-entrati għall-addittivi tal-ikel E 334 Āċidu tartariku (L(+)-), E 335 Tartrati tas-sodju, E 336 Tartrati tal-potassju, E 337 Tartrat tal-potassju u s-sodju u E 354 Tartrat tal-kalċju jitħassru;

(b) wara l-entrata għal E 333 tiddaħħal l-entrata li ġejja:

"E 334–337 u E 354	Āċidu tartariku – tartrati (Tabella 8 tal-Parti 6)	1 000 mg/kg waħedhom jew ikkombinati fil-preparazzjoni tan-nutrijenti	In-nutrijenti kollha";
--------------------	--	---	------------------------

(5) il-Parti 6 hija emendata kif ġej:

(a) fit-Tabella 1, l-entrati għall-addittivi tal-ikel E 334 Āċidu tartariku (L(+)-), E 335 Tartrati tas-sodju, E 336 Tartrati tal-potassju, E 337 Tartrat tal-potassju u s-sodju u E 354 Tartrat tal-kalċju jitħassru;

(b) tizzied it-tabella li ġejja:

“Tabella 8

**Aċidu tartariku — tartrati**

Numru E	Isem
E 334	Aċidu tartariku (L(+)-)
E 335	Tartrati tas-sodju
E 336	Tartrati tal-potassju
E 337	Tartrat tal-potassju u s-sodju
E 354	Tartrat tal-kalċju”.